MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Numru 628/1999

**PULIZIJA**
**SUPERINTENDENT CARMELO BARTOLO**
**VS**
**JOSEPH CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta Joseph Camilleri ta' 44 sena, iben Anthony u Carmela nee' Mangion, imwieled Hamrun nhar it-23 ta' Lulju 1955 u li joqghod 8, Flat 8, Triq Dragonara, San Giljan u li ghandu l-karta tal-identita numru 533455 (M).

Billi huwa akkuzat talli nhar it-3 ta' Awwissu 1995 u matul ix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminiijet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprisi foloz, jew ta' hila, seta' fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta' aktar minn hames mitt lira Maltija ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija "JB Carpets Limited."
b) Kif ukoll f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, bi hsara tad-dirigenti tal-kumpanija "JB Carpets Limited" ghamel qliegh ta' aktar minn hames mitt lira Maltija b'qerq.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali that liema artikoli din il-Qorti tista' ssib il-htija;

Rat il-Verbal (a fol.320) datat 9 ta' Dicembru 2008, fejn l-imputat me kellux oggezzjoni li jigi ggudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza nstemghet quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif diversament preseduta fuq medda ta' snin. L-imputat gie mixli bi truffa u bi frodi innominat ghad-detriment tas-socjeta' JB Carpets.

Raymond Xuereb a fol 17, financial controller tas-socjeta JB Carpets Ltd. ikkonferma illi fl-1995 impjegati tas-socjeta JB Carpets kienu wettqu xoghol ta' tqieghed ta' twapet lis-socjeta Cool Operators Ltd. u fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju rcevew cheque ta' Lm1,190 mahrug minn Grima Communications Co. Ltd. Dan ic-cheque gie pprezentat tlett (3) darbiet il-bank u ma giex onorat.

Raymond Xuereb xehed illi fl-1996 intbaghtet kwerela lill-pulizija rigward dawn il-flus u fis-sebgha (7) ta’ Mejju 1999 l-imputat kien baghatlu Lm180 ammont **u xi ftit granet qabel id-29 ta’ Settembru 1999 hallas dak kollu dovut.**

Xuereb xehed li ghar-rigward hlasijiet, il-prattika ta’ JB Carpets kienet li ghal certu biegh u tqeghid ta’ twapet, il-hlas kien isir immedjatament; izda ghal certu klijenti, kienu jaccettaw pagament **wara** li jsir it-tqieghid ta’ l-istess twapet. (ara fol 21)  In fatti f’dan il-kaz sar pagament ta’ Lm500 mal-konsenja kif jidher fuq l-*invoices* ezebiti a fol 12 u 13.

Xuereb xehed li huwa ma kienx nnegozja personalment ma’ l-imputat f’dan il-kaz u kien ser jaghmel indagni sabiex jara min kien hekk innegozja.

Is-Supretendent Carmelo Bartolo (a fol 24) xehed illi rcieva kwerela ffirmata minn J. Sant, Managing Director ta’ JB Carpets kontra l-imputat stante li zewg cheques prezentati ghall-hlas ta’ twapet mixtrija mill-imputat gew referred to drawer. Dawn ic-cheques, datati 3 ta’ Awwissu 1995 u 20 ta’ Gunju 1995 gew ezibiti ta’ fol 8 u kienu gew pprezentati darbtejn lill-Bank u ma gewx onorati.

Is-Supretendent Carmelo Bartolo xehed li kien kellem lil Raymond Xuereb ta’ JB Carpets li qallu li t-twapet gew ordnati mill-imputat u ntizi ghal *radio station Live FM* minhabba l-andament li c-cheques principali kienu f’isem Grima Communications Ltd.

Is-Supretendent Carmelo Bartolo kellem ukoll lil Joe Grima li qallu li l-imputat kien “***ha over***” l-istazzjon tar-radju, li kien hemm disgwit bejniethom, li Joe Grima kien lahaq iffirma xi cheques vojta u ghaddiehom lil Camilleri, pero:

**“kien talab lill-bank Manager Mid Med Bank li qabel jigu onorati dawn ic-cheques, talab biex jigu riferuti lilu (lil Grima) sabiex jara jekk jawtorizzax ir-rilaxx tal-flus mill-kont tieghu.”**

Is-Supretendent Bartolo kkonferma li Joe Grima kien urih ittra li baghat lil Mr. Pirotta, Mid Med Bank f'dan is-sens.

Is-Supretendent Carmelo Bartolo a fol 26 xehed illi kien kellem lill-imputat li qallu li kien hareg ic-cheques "post-dated", li qatt ma ried jinganna lil had izda "ma tani ebda spjegazzjoni" u qal li kien ser jaghmel tajjeb ghalihom. Bartolo kkonferma li l-pendenzi kienu kollha thallsu.

In kontro ezami is-Supretendent Carmelo Bartolo xehed li r-radio station Live FM kienet ghadha f'idejn Joe Grima sa kemm kienet falliet.

Is-Supretendent Bartolo xehed illi l-imputat kien talab lill-Ufficjal investigattiv jakkorda zmien sabiex jivverifika jekk it-twapet kellhomx jithallsu minnu jew minn Joe Grima, kien mar jaghmel dawn il-verifiki akkumpanjat mill-pulizija u wara li ghamel il-verifiki, accetta li kellu jhallashom hu (fol 27 u 28).

Is-Supretendent Bartolo ezebixxa Dok. BC 1 u BC 2.

PC 718 Francis Caruana a fol 53 kkonferma Dok. CB 3 li hija stqarrija ta' l-imputat.

Raymond Xuereb a fol 54 ikkonferma li wara li ghamel l-indagni necessarji, sab li l-impjegat Manuel Camilleri kien innegozja mal-imputat, li kien inghata quotation u kkonferma li *l-invoice* u d-delivery saret fl-istess gurnata izda **l-*invoice* waslet ghand il-klijent il-gurnata ta' wara d-delivery** (ara fol 55).

Gew ezebiti l-istima a fol 50 u 50 u Dok. R1 a fol 49 debit advice tal-Bank of Valletta.

Joseph Sant a fol 235 Direttur tas-socjeta tal-'Lira' u ta' 'JB Stores', **ikkonferma li kien nnegozja mal-imputat diversi drabi qabel il-kaz in ezami u qatt ma kellu problema. Xehed (a fol 239) li l-imputat kien jixtri xoghol fuq l-invoice, jhallas permezz ta' "post-dated cheques". Kien biss f'dan il-kaz illi c-cheques ma gewx onorati.**

Sant ikkonferma illi **l-ammont huwa mhallas** u a fol 240 ikkonferma Dok. CB 2, il-kwerela.

Sant ikkonferma li l-impjegati tieghu kienu ppruvaw jigbru dawn il-flus pero' ma rnexxilhomx u ghaldaqstant kien ffirma l-kwerela.

Joseph Grima a fol 265 et sequitur xehed illi huwa kien imexxi Live FM fl-elf, disgha mija u hamsa u disghin (1995) u kien ghadda t-tmexxija ta' l-istazzjon lill-imputat. Joseph Grima kkonferma li Grima Communications Company Ltd. kienet il-kumpanija tieghu li kellha l-licenzja tal-Live FM.

Grima xehed illi kien ffirma xi tnax (12) –il cheque vojta sabiex l-imputat ihallas il-pagi tal-impjegati u kiteb lill-bank tieghu sabiex jirreferu c-cheques lilu qabel ma jawtorizzaw il-hlas. Grima xehed li ma kellu ebda komunikazzjoni mill-bank tieghu rigward dawn ic-cheques.

Grima xehed li l-imputat kien naqas li jaqleb il-garanzija bankarja f'ismu u sussegwentement talbu biex jiehu lura l-istazzjon wara li allegatament hallas diversi nies bil-flus tal-kumpanija meta dawn ma kellhomx x'jaqsmu mal-kumpanija.

Ikkonferma li c-cheque 2424 a fol 8 kien wiehed mic-cheques li huwa kien iffirma vojt u qal li qatt ma ordna twapet mis-socjeta kwerelanti.

Joseph Sant (a fol.238) riprodott ikkonferma x-xhieda precedenti. Ma setghax jikkonferma l-ammont illi kien indikat fil-*'post-dated' cheque* li kien ircieva minghand l-imputat, pero' ikkonferma illi l-pendenzi kollha kienu thallsu. Gie muri Dok.CB2 u kkonferma l-kwerela. Gie muri z-zewg *cheques* a fol.2 tal-process u li dawn kienu c-*cheques* li kien irrefera ghalihom fix-xhieda tieghu. **Ix-xhud ikkonferma illi l-imputat kien klijent antik taghhom u li kien jonfoq eluf ta' Liri il-ghaliex kien jixtri *whole sale* minghandhom u li dejjem kien ihallas, permezz ta' zewg jew tlett *cheques*, li jissarfu bil-mod**

**'il mod. Joseph Sant jghid, "Jixtri minghandna, ihallasna, m'ghandniex problema. L-uniku problema li kellna, bieghenilu hafna xoghol, ahna kemm-il darba, kwantitajiet, f'dan il-kaz kien hawn – dawn it-tapiti biss." (ara fol.246).**

Joseph Grima rega' kkonferma li Grima Communications Company Limited kienet tieghu u li din il-kumpanija:

"kienet hadet il-licenzja biex twaqqaf stazzjon nazzjonali ta' radio li kien jismu Live FM." (ara fol.265)

Ikkonferma illi t-tmexxija ta' l-istazzjoni kienet ghaddiet f'idejn l-imputat. Ikkonferma li kien sar l-arrangament, bejnu u bejn l-imputat u x-xhud Grima kien iffirma tnax-il *cheque* in bjank sabiex jithallsu l-pagi ta' l-impjegati. Ikkonferma illi kien kiteb lil Mid Med Bank biex ma jawtorizzawx pagament fuq dawn ic-*cheques* qabel ma jivverifika hu (Joseph Grima). Xehed illi kellu problema ma' l-imputat ghaliex dan naqas li jitrasferixxi l-garanziji bankarji fuq ismu u fil-fatt infethu proceduri quddiem il-Qorti kif diversament preseduta. Grima xehed (a fol.266A) li l-imputat:

"zvojta kull ma kellha l-kumpanija, zvojtaha kompletament, hallas kwantita' kbira ta' affarijiet tieghu li ma kellhom x'jaqsmu xejn."

Grima kkonferma li fid-data illi huwa ffirma c-*cheques*, fil-kont bankarju kien hemm flus bizzejjed biex jithallsu l-pagi ta' l-impjegati. Grima xehed li bl-ebda mod ma ordna t-twapet minghand JB Carpets ghar-*radio station*. Grima stqarr illi huwa ma hallasx ghal dawn it-twapet.

Superintendent Carmelo Bartolo (a fol.270) ezebit Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija JB Carpets Dok.CBX.

Audrey Ghigo kkonfermat b'mod generali illi l-Bank taghha ma jzommx *cheques* aktar minn sitt snin u li *cheque* jigi *referred to drawal* biss meta jkun hemm sekwestru jew ikun hemm *insufficient funds*.

Raymond Xuereb (a fol.327) ikkonferma x-xhieda precedenti tieghu. Ikkonferma li ghamel il-verifiki tieghu u jirrizulta li l-imputat kien inghata stima ghar-rigward ta’ twapet li xtaq jixtri, hareg *invoice* u hallas permezz tac-*cheque* li ma giex onorat.

Joseph Grima, in kontro ezami (a fol.331) ikkonferma c-*cheque* mahrug minn Grima Communications Company Limited f’ammont ta’ elf, mija u disghin Liri Maltin (Lm 1,190). Ikkonferma wkoll illi kienu gew iffirmati zewg skritturi rigwardanti l-istazzjon imsemmi. In kontro ezami, ix-xhud Grima xehed li t-trasferiment tal-licenzja tar-*radio* ma kienx jiddependi minnu izda mill-Broadcasting Authority. It-trasferiment tal-licenzja qatt ma sehh. Joseph Grima sostna illi huwa baqa firmatarju tal-kont bankarju in kwistjoni u kkonferma illi minn Frar sa Gunju 1995 huwa ma ghamilx depoziti fl-akkont bankarju tar-*radio station* u dawn saru biss mill-imputat. Joseph Grima ma ezebiex l-ittra li huwa baghat lil bank tieghu sabiex itihom struzzjonijiet fuq it-tnax-il *cheque* in bjank u xehed li ma nformax lill-imputat fuq dana kollu.

Joseph Sant, in kontro ezami (a fol.342) rega kkonferma illi l-imputat kien klijent antik taghhom u li kien klijent tajjeb, fis-sens li kien jixtri bi kwantita’ u rega’ kkonferma li kien kostrett jibghat il-kwerela lil Pulizija minhabba li kien gie nfurmat mill-impjegati tieghu illi c-*cheques* ma gewx onorati. A fol.346, Sant ikkonferma illi normalment, wara li jsir il-hlas, il-kumpanija tiffitja t-twapet. Pero’, f’dan il-kaz, ma setghax jiftakar ezattament jekk din il-procedura gietx segwita. Anzi, haseb illi l-hlas sar ma tqeghid tat-twapet. A fol.347, Sant ikkonferma li l-*invoice* kienet fis-somma ta’ elf mija u disghin Lira Maltin (Lm1,190) u li sar hames mitt Lira Maltin (Lm500) depozitu. **Sant ikkonferma li dawn il-flus kienu ilhom li thallsu u li huwa kien lest li jahfer lill-imputat.**

L-imputat, Joseph Camilleri (a fol.353) ikkonferma li kien sar ftehim biex jigi trasferit Live FM minn Grima Communication Company Limited ghal prezz ta’ mitejn elf Lira Maltin (Lm200,000) u l-licenzja kellha tigi trasferita

f'ismu. Gara li Joseph Grima kien irciva notizja ta' zgumbrament mill-ufficini tal-Live FM fil-Furjana u l-imputat kien gie kostrett isib fond alternattiv tas-Sliema. Illi ghaldaqstant l-imputat kien cempel lil JB Carpets biex jarmalu l-officini l-godda. L-imputat xehed li meta gew biex joperaw, Joseph Grima ma kienx infurmah li l-licenzja kienet tohrog fuq isem persuna u li l-Broadcasting Authority kellha l-awtorita' biex tiddeciedi ghandiex tigi trasferita tali licenzja. Il-Broadcasting Authority irrifjutaw dan it-trasferiment u ghaldaqstant anke l-konti bankarji ma setghux jinqalbu f'ismu ghax kienu marbutin mal-licenzja. Ic-*cheque* illi ma giex onorat mill-Bank kellu lil Joseph Grima bhala l-firmatarju, izda l-imputat biss kien jiddepozita f'dan l-akkont, liema kont kien jintuza biss ghall-ispejjez ta' l-istazzjon tar-radju. Fosthom kien hemm *top priority* il-hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) pagament lil Joseph Grima ta' kull xahar. **A fol. 355, l-imputat xehed illi c-*cheque* in kwistjoni ma giex onorat mill-Bank il-ghaliex Joseph Grima kien waqqaf dan l-akkont u dana wara illi Joseph Camilleri kien mela '*post-dated' cheques* gia' ffirmati minn Joseph Grima.** A fol.357, l-imputat iddikjara illi Joseph Grima **qatt ma nfurmah illi kien ser jaghlaq l-akkont bankarju** u din l-informazzjoni hadha biss minghand l-ufficjali tal-bank **in segwitu tad-dizonorar tac-*cheques*.** Fil-fatt l-imputat ezebixxa *file* Dok.PC1 (a fol.364 et seq.) illi juri l-kwantita' ta' negozju illi huwa ghamel mal-'JB Stores' u mal-'World Bargains' tul is-snin. It-telf illi huwa garrab minn Joseph Grima lahhaq ghal mija u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm120,000). L-imputat xehed illi huwa ghamel ftehim ma' Joseph Grima, fejn hu rritorna lura r-*radio station* f'idejh u Joseph Grima kellu jwaqqa l-kambjali u jirritornahomlu:

"Mhux talli ma gabhomlix lura. Talli ipprezentahom il-Qorti…u ghamel il-kawza wkoll." (ara fol.361)

Ghaldaqstant l-imputat kien kostrett jiftah proceduri biex jiddefendi d-drittijiet tieghu.

Ikkonsidrat:
Illi mix-xhieda fuq prodotta jirrizulta b'mod ampju illi l-prosekuzzjoni naqset illi tiprova kemm l-akkuza ta' truffa u

kif ukoll ta' frodi nnominat fil-konfront ta' l-imputat. Dana qieghed jinghad mhux il-ghaliex il-Prosekuzzjoni naqset li tipproduci xi prova essenzjali izda il-ghaliex il-Qorti jidhrilha illi dawn il-provi qatt ma ezistu u r-retroxena tal-komplikazzjonijiet fin-negozju bejn l-imputat u Joseph Grima aljenaw lill-Prosekuzzjoni. Il-provi f'din il-kawza stabbilew li Joseph Camilleri ma onorax l-obbligi tieghu mas-socjeta 'JB Stores' (*cheques* mhux onorati) il-ghaliex il-kont bankarju tal-Live FM **kien f'idejn Joseph Grima** u dan iddecieda arbitrarjament li jwaqqaf *cheques* illi kien gia' ffirma *in blank* minghajr ma informa lil Joseph Camilleri. **Kien biss wara li ma giex onorat dan ic-*cheque,* illi l-Ufficjali tal-bank infurmaw lill-imputat.**

L-imputat huwa mixli bi truffa ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiprovdi:

**"*Whosoever, by means of any unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device or pretence calculated to lead to the belief in the existence of any fictitious enterprise or of any imaginary power, influence or credit, or to create the expectation or apprehension of any chimerical event, shall make any gain to the prejudice of another person, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term from seven months to two years*."**

Dan it-tip ta' frodi jipresupponi qerq  ta' almenu certu livell ta' soffistikazzjoni u gidba semplici ma tibbastax.

**In fatti, fis-sentenza Pulizija vs. Emanuel Ellul, Appell Krim. deciza fis-20 ta' Gunju 1997** gie ritenut is-segwenti:

***"Fil-ligi taghna, element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe dawk l-"artifizi" jew "raggiri" idonei li jinducu, u li <u>effettivament ikunu inducew, lill-vittma fi zball – l-</u>***

***ingann – u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent.***

***Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkitetta b'hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu…***

***Element essenzjali iehor tar-reat tat-truffa huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent, liema telf u qligh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. In fatti t-truffa komunement tigi mqabbla mas-serq u ma' l-approprjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tliet reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligh."***

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta b'mod ampju bejn l-imputat u l-kwerelant bhala Direttur ta' 'JB Stores' kien hemm relazzjoni kummercjali illi tmur lura ghall-ammont ta' snin konsiderevoli u fejn in-negozju kien wiehed sostanzjali. Dan gie affermat kemm mill-kwerelant inniffsu, Sant, li ddepona b'mod repetut, kif ukoll mill-imputat, Camilleri, bl-ezebizzjoni ta' ammont konsiderevoli ta' *invoices* (ara *file* Dok.PC1 li jinstab a fol.363 sa fol.404) liema *file* huwa prova ta' l-entita' u ta' regolarita' ta' dan in-negozju. Id-Direttur Sant ikkonferma ripetutament illi l-imputat kien jinghata *a preferential status* fis-sens li bhal certu negozjanti ohra, kien inghata kreditu billi inghatalu l-possibilita' li jhallas wara li jircievi l-konsejna ta' l-oggetti mixtrija u dana permezz ta' '*post-dated' cheques.* Fil-kaz in ezami, l-imputat, kif ukoll il-kwerelant, adoperaw l-istess metodu ta' hlas fin-negozju kif kienu ilhom jaghmlu fi snin, kemm precedenti, kif ukoll sussegwenti ghall-incident in kwistjoni.

"Fi truffa, element essenzjali ta' dan ir-reat, huwa t-telf patrimonjali li jgarrab il-vittma, bil-konsegwenti qliegh ghall-agent, **liema telf u qliegh ikun rizultat ta' xi haga**

**illi taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata.”** (ara Pulizija vs. Emmanuel Ellul Appell Krim. deciza fl-20 ta’ Gunju 1997)

Illi fil-kaz in ezami (apparti l-fatt illi kif diga’ intqal aktar kmieni, l-imputat ma kienx jahti xejn ghal mod ta’ kif ic-*cheques* in kwistjoni ma gewx onorati mill-Bank) il-hlas, permezz ta’ *cheque* **ma kienx *‘the inducement’* sabiex isir in-negozju in kwistjoni** il-ghaliex, kif intqal, bejn l-imputat u l-kwerelant kien hemm fiducja bejn negozjanti li ssarfet fl-ghoti taz-zmien ghal hlas, cioe l-ghoti ta’ *credit*.

Illi, di piu’, l-ammont pendenti bejn il-kontendenti gie mhallas xi ftit zmien wara illi gietipprezentata c-citazzjoni (datata 29 ta’ Settembru 1999) u l-kwerelant hafer lill-imputat u ghadu, sal-gurnata tal-lum, jinnegozja mieghu b’mod regolari.

Il-Qorti rat illi l-imputat ukoll kien akkuzat bl-akkuza ta’ frodi nnominat ai termini ta’ l-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jiprovdi:

**“Whosoever shall make, to the prejudice of any other person, any other fraudulent gain not specified in the preceding articles of this sub-title, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term from one to six months or to a fine (*multa*).”**

Il-Qorti taghraf illi l-Prosekuzzjoni naqset, b’mod kategoriku, li tiprova xi forma ta’ qerq da parti ta’ l-imputat fil-konfront tal-kwerelant fir-rigward tan-negozju tat-twapet ordnati mill-imputat. Ghal kuntrarju, din il-Qorti temmen li, fir-realta’, ebda agir defrodenti ma gie implimentat mill-imputat u l-Prosekuzzjoni giet meghluba mill-

komplikazzjonijiet kummercjali fin-negozju bejn l-imputat u terzi.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat Joseph Camilleri mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------